MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 103/2006

**Anthony Micallef**

**vs**

**Mark Causon**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar 2006 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' sebgha mija u tmienja u sittin lira maltija u zewg centezmi (Lm768.02) rapprezentanti kera ghall-fond "Kabus Health and Beauty Clinic" Dawret il-Gzejjer Street, San Pawl il-Bahar ghall-perjodu Marzu sa Mejju 2005 u danni kagunati mill-konvenut fil-fond ta' l-attur, b'l-ispejjez u b'l-imghax legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12

tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fit-8 ta' Lulju 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' sebgha mija u tmienja u sittin lira maltija u zewg centezmi (Lm768.02) b'l-ispejjez u bl-imghaxx kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------